MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Talba Numru. 168/2011

**Edwin Xerri (K.I. 540347M)**

**Vs**

**Dominic Grech (K.I. 549283M) u Emanuel Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ppremetta illi fil-bidu ta' Jannar 2009 Emanuel Grech inkariga lill-attur biex jaghmel xogholijiet ta' plumbing, electricity, coving, drainage, u twahhil ta' madum fil-maisonette ta' ibnu Dominic Grech li jgib l-indirizz "Our Lady" Plot 9, Triq Salvu Curso, Siġġiewi. L-attur ghamel xhur jahdem fil-post imsemmi minghajr ma thallas anqas depozitu, u z-zewg konvenuti kienu jigu jghidulu x'irid isir u japprovaw ix-xoghol li kien jitlesta. Meta fit-23 ta' Awwissu, 2009 l-attur hadem kont tax-xoghol li kien tlesta sa dak inhar (Dok. A), huwa talab li jithallas l-ammont ta' elfejn mitejn u erbghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,240.49), akkont u Emanuel Grech accetta

dan il-kont. Meta fil-jiem ta' wara l-attur mar biex jigbor l-ghodda minn fuq il-post, sab li t-tiskir tal-bieb tal-post kien mibdul u l-konvenuti ma kellmuhx aktar. Qatt ma kienu qalulu biex jieqaf mix-xoghol, imma l-attur jaf li l-konvenuti gabu nies ohra biex ilestu li kien fadal. Lanqas ma rrispondew ghall-ittra li kitbilhom u ghall-ittra legali tas-6 ta' Jannar, 2010 (Dok. B). Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet u li l-konvenuti jkunu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepixxew:

Illi fl-ewwel lok irid jinghad li kien l-istess attur li abbanduna l-inkarigu lilu moghti u ghalhekk per equiparens ghandu jigu applikat l-artikolu 1640 (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi fit-tieni lok mhux minnu li saru x-xogholijiet kollha elenkati mill-istess attur u ghalhekk ghandu jigi stabbilit l-entita' tax-xoghol maghmul mill-attur. Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jinghad illi x-xoghol li kellu jitlesta fi ftit gimgħat dam ikarkar ghal sena u nofs b'mod li l-istess attur ghamilha difficli li jigi rintraccat biex jespleta l-inkarigu tiegħu; illi *di piu*, minn kull ammont li tista' talvolta tillikwida din il-Qorti ghandhom jitnaqqsu d-danni sofferti mill-konvenut sabiex seta' nkariga terzi persuni biex ikomplu x-xoghol; illi *di piu'* l-VAT hija nkluza fl-ammont li qed jippretendi li jithallas l-istess attur u mhux addizzjonali ghall-ammont li talvolta jista' jirrizulta ghandu jiehu, jekk qatt jirrizulta li ghandu jiehdu.

**Ikkunsidrat:**

Din hija talba ghall-hlas ta' servizzi ta' dawl u twahhil tal-madum fil-post ta' Dominic Grech fi Triq Salvo Curso, Siggiewi.

L-attur **Edwin Xerri**, fix-xhieda tieghu, ddikjara li z-zewg konvenuti Emanuel Grech u Dominic Grech kienu inkarigawh jaghmel xoghol fid-dar ta' Dominic Grech li jigi t-tifel ta' Emanuel Grech. L-inkarigu kien li jaghmel id-dawl u l-madum. Il-ftehim kien li Emmauel Grech kien jixtri l-materjal kollu. Qatt ma ftehmu fuq rata ta' hlas. Xerri ddikjara li kien ghamel xoghol ghall-missier qabel u kien dejjem hallsu.

**Xerri** ddikjara li wara diversi xhur ta' xoghol kien mar ghand il-missier biex jaghtih il-kont fil-11 ta' Awwissu 2009[1]. Hu tah lill-missier ghaliex kien ftiehem mal-missier u dan kien talbu biex jehodlu il-kont. L-intenzjoni kienet li jithallas imbaghad ikompli bil-bqija tax-xoghol. Emanuel Grech kien infurmah li ser jiccekja il-kont imbaghad kien qata' kull kuntatt mieghu.

Iddikjara li qatt ma kien hemm ilment dwar ix-xoghol, hu ha l-ghodda tieghu mill-post ghaliex kellu cavetta. Zied jghid li hadd ma kien kellmu aktar biex jkompli. Meta kien mar fuq il-post, ghaliex nesa l-isqueezer, sab li l-*locks* kienu mibdula. Hu ddikjara illi bhala *electrician* m'ghandux licenzja pero' kien ghamel ix-xoghol u mbaghad il-konvenuti kienu jgibu xi hadd li kien jara li x-xoghol huwa sew u dan jiffirmalu. Zied pero' li kien hu li xtara il-coving. In kontro-ezami qal li l-ewwel kont li kien ta' lil Emanuel Grech kien minghajr VAT. Il-kont li baghtilhom sussegwentament kien bil-VAT. Qal ukoll li kien jahdem ghan-nies ohrajn. Hu spjega li x-xoghol kien jieqaf ghaliex kien jkollu jistenna l-materjal. Rigward dati ma zammx akkont imma x-xoghol effettivament kien ta' xi hames xhur. Rigward il-materjal hu ddikjara li kien ihalli l-lista ghand il-hanut tal-missier li kellu hanut taz-zebgha u mbaghad kien jistenna li l-missier jaghddilu l-materjal.

Il-konvenut **Emanuel Grech** ikkonferma illi x-xoghlijiet li ssemmew fl-avviz saru. Ikkonferma li l-attur kien ghamilu xoghol kemm-il darba u li thallas ghalihom. Illi f'dan il-kaz pero' huwa kien ghamel nofs ix-xoghol. Iddikjara li kien inkariga lill-attur biex jghinu jaghmel ix-xoghol fil-post tat-tifel. Kienu hbieb u kienu ddiskutew dan kollu. Infatti kien hu li nkarigah u hu li kellu jhallas ghax-xoghol mhux it-tifel ghaliex ghalkemm il-post kien tat-tifel, it-tifel kellu problemi finanzjarji u ghalhekk ried jghinu. Il-konvenut Grech qal li l-materjal kollu xtrah hu, pero,' ammetta li x-xoghol ta' elettriku kien ghamlu l-attur. Kien Xerri li ghadda l-pajpijiet u l-*wires* pero' meta gie ghax-xoghol iebes, per ezempju, kien hu stess li ghamel ix-xoghol. Qal li l-attur kien ghamel xoghol tad-dawl pero' xoghol ta' gimghatejn ghamlu f'sentejn u halliehom "lampa stampa", kien halla barra l-qanpiena u d-dawl tal-kcina. Qal pero' ma kienx ghadda l-pajpijiet tad-*drains* u fir-rigward tal-madum ma ghamilx il-kamra tas-salott. Il-madum kien dam *in storage* xi sitt xhur.

[1] Ara Dok A a fol 2 tal-process. Ara ukoll dok EX1 a fol 19.

Fir-rigward tal-hlas hu ddikjara li kien offrielu kemm-il darba biex ihallsu pero' l-attur qatt m'accetta. Hareg il-kont biss meta dahlu terzi biex ikomplu x-xoghol.

**Vince Bonnano** xehed nhar it-18 ta' Gunju, 2012 illi kien prezenti meta Emanuel Grech kien talab lill-attur biex ikompli x-xoghol pero' l-attur ma riedx ikompli qabel ma jithallas tax-xoghol li ghamel. Ghalhekk Grech kien qallu biex jaghtih kont u jhallsu. Dan kien xi sentejn ilu.

**Edwin Xerri** rega' xehed u kkjarifika li kien ghamel il-*coving* u anke xtara hames bicciet ta' *coving* ta' zewg metri l-wiehed. Ikkontesta li Emanuel Grech kien ghamel xoghol mieghu anke fir-rigward tax-xoghol iebes ma huwiex minnu li Grech ghinu. Ipprezenta pjanta tal-post biex juri li ghamel ix-xoghol tad-dawl kollu u nkluz l-*intercom, television, telephone*. Il-pjanta kien preparaha hu u kull ma ghamel l-*electrician* kien li jiccekja x-xoghol *ossia* l-*fuse box*. (Ara pjanti *a folio* 41 u 42). Kien ikkoregielu l-*cooker hob* ghaliex rieduh biex jghaddu l-gass. F'xhieda ohra tieghu Xerri ddikjara li fil-kaz tal-madum kien fadallu jaghmel taht it-tarag biss. Ipprezenta wkoll ittra datata 9 ta' Jannar, 2010 lill-attur fejn il-konvenut Emanuel Grech kien kitiblu u kkontesta li l-attur ghamel ix-xoghol tad-dawl u li kien biss fir-rigward tal-madum li kien gie nkarigat.

Rega xehed **Emanuel Grech** li qal li kien Xerri li kien offra li jghinu meta kien jistqarr mieghu li t-tfal kellhom problema tal-flus. Qatt ma ftehmu fuq prezzijiet u rati u infatti qatt ma ppretenda li Xerri kien ser jipprezentalu kont ta' *professional* ghaliex kemm fir-rigward tad-dawl u kif ukoll madum kien biss *amateur*. Illi fil-bidu ma kienx jaf li Xerri kellu jgib *electrician* iehor biex jiffirmalu u jikkonfermalu x-xoghol. Hu kkontesta wkoll li Xerri qatt xtara dan il-materjal li ssemma. Iddikjara li m'ghandux problema li jhallsu, imma, li jhallsu l-ammont totali ta dak li qed jitlob. Fir-rigward tal-ittra tad-9 ta' Jannar, 2010 hu ddikjara li t-tifel kien kiteb l-ittra u mhux hu.

Xehed **Dominic Grech** li kkonferma li x-xoghol li kellu jsir mill-attur kien tal-madum, dawl u ilma. Illi Xerri beda jdum ma jkompli x-xoghol u f'daqqa wahda qata' kull kuntatt.

Dam jahdem sena u nofs illi pero' dan waqaf mill-kuntatt. Darba f'Awwissu, 2009, kien rah jahdem f'post iehor u kien mar ikellmu biex jistaqsih ikompli ghaliex kien hemm il-materjal kollu *available* pero' kien accenna li ma riedtx ikompli. Stqarr li kienu dejjem lesti jhallsuh pero' hu dejjem kien jghid li jithallas fl-ahhar. Iddikjara li l-attur qatt ma ta' avviz li ser jieqaf , kien wara li ghadda perjodu ta' xahrejn fejn ma sarx xoghol li mbaghad kellu jqabbad lill-terzi biex jaghmlu dan ix-xoghol. Hu rcieva l-kont ma' ittra tal-Avukat wara li dahal fid-dar.

Xehed **Nicholas Borg** li qal li kien inkarigah is-Sur Grech biex jaghmel xoghol fil-post tat-tifel, ma kien hemm hadd jghix go fih u kien xoghol li ghamel fix-xahrejn tas-sajf. Hu iddikjara illi :

1. Fil-kaz tas-sistema ta' elettriku hu sab is-sistema lesta pero' kien hemm xi affarijiet ta' *two way* li kienu neqsin. Sab ukoll xi *switches* neqsin u anke plakekk – dawn kienu fil-kcina, kamra tas-sodda u l-*washroom*.
2. Fir-rigward tal-mghoddija tal-ilma u *drains* - mill-arlogg sal-bitha kien ga mghoddi u lest taht il-madum, anke fir-rigward tal-kcina pero' l-mishun kellu jghaddieh hu ghaliex kien hemm garaxx taht u kellu jghaddih minn mal-garaxx, mal-pipe tal-gass, u ghadda wkoll il-pajp tal-gass. Id-*drains* tal-kcina kellu jghaddihom hu. Ghalhekk ma kellux ghalfejn ikisser madum. Il-kamra tal-banju ma kellhiex ilma u lanqas *drain*; l-*ispare toilet* din ma kellux la ilma u lanqas *drain*. Kellu jaghmel it-tank ta' fuq il-bejt biex jghaddi l-ilma ghal isfel. "Nghid illi fir-rigward tax-xoghol .. tal-ilma jiena ghamilt ix-xoghol kwazi kollu jiena".
3. Bhala madum il-kamra tal-banju u l-*ispare toilet* u l-bitha ma kienux lesti, pero' l-kumplament tad-dar kienet lesta;

Mill-provi jirrizulta illi:

Il-partijiet ftehmu dwar l-inkarigu tal-attur biex jaghmel xoghlijiet ta' dawl, l-ilma mghoddija tad-*drains* u anke tqeghid ta' madum. Jidher illi pero' l-partijiet ghalkemm ftehmu li dan ser jkun ghall-hlas qatt ma ftehmu fuq rati.

Illi jidher illi ‘nqala xi disgwid u hawnhekk il-verzjonijiet jibdew ivarjaw. L-attur min-naha tieghu jghid illi ried jithallas u jekk kien hemm dewmien kien ghaliex il-parti l-ohra kienet tissupplixxi l-materjal u ma setghax jahdem minghajr materjal, pero’ jidher illi ddecieda illi ma jahdimx aktar ghalihom u ghalhekk imbaghad il-pern tal-problema kienet il-hlas tax-xoghol li ghamel. Min-naha l-ohra l-konvenuti ddikjaraw li dejjem kellhom l-intenzjoni li jhallsu pero’ mhux l-ammont mitlub mill-attur li ma kienx *electrician* ikkwalifikat u kien gie nkarigat biex jghin lill-missier *ossia* lill-Emanuel Grech li ghamel kollox mieghu.

Hareg car li ma kienx hemm ilment dwar ix-xoghol hlief  li dan ma ghamlux wahdu u li kien hemm hafna dewmien.

Illi il-verzjonijiet tal-partjiet ikkontrastaw anke ghal dak li jirrigwarda xoghol li sar. Illi meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta’ provi ghandu jara li min huwa l-aktar kredibli . Ara **Farrugia vs Farrugia**[2] fejn intqal li:-

> *“l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti  ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji talkredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”*

Illi it-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi ghalkemm setgha kien hemm dewmien id-dizgwid inqala’ meta Xerri talab li jithallas ta’ xogholu. Illi t-Tribunal ihoss illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1640(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta m’ghandhiex tigi applikata ghall-kawza odjerna ghaliex....

> *“Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-*

[2] (deciza mill-Prim Awla fl- 24 ta’ Novembru, 1966) Ara ukoll **“George Bugeja vs Joseph Meilak”**   (deciza mill-Prim Awla mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia fit- 30 ta’ Ottubru, 2003)

> *valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra."*

Huwa pacifiku illi t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skont l-ekwita`. Dan hekk jipprovdi l-Artikolu 7 (1) tal-Kap. 380. Illi dan il-Tribunal ihoss illi huwa ekwu u gust illi bniedem ghandu jithallas ghax-xoghol kollu tieghu nkluz l-ispejjes li jaghmel u dan anke skont ma tghid il-ligi stess fl-artikolu 1640(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ix-xhieda ta' Dominic Grech u Emanuel Grech stess mhumiex konstanti f'dak li qalu u ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghandu joqghod fuq ix-xhieda ta' Nicholas Sammut li dahal minflok Xerri biex ikompli x-xoghol. Illi Xerri stess ammetta illi ma kompliex ix-xoghol, pero' hu 'llimitah ghal taht it-tarag, filwaqt li Nicholas Sammut qal li l-bitha u l-kmamar tal-banju ma kienux kompluti. Sfortunatament it-Tribunal ghandu biss f'idejh l-ammont total ta' madum tal-art ta 88.4919 metri kwadri u ma setghax jasal ghall-kalkoli a bazi tal-provi li nghata. Ghalhekk, ghalkemm jidher li qabdu nies ohrajn biex jkomplu x-xoghol tal-madum, dawn ma tressqux bhala xhieda f'din il-kawza. It-Tribunal ghandu biss ix-xhieda ta' Nicholas Sammut li qal li l-bitha u kmamar tal-banju u l-*ispare toilet* biss ma kienux lesti. Illi pero' mill-provi m'hemmx indikazzjoni tal-kejl ta' dawn u lanqas hemm indikazzjoni u m'hemmx evidenza cara ta x'setghu kienu dawn.

Fir-rigward tad-*drains* jidher illi hemm verzjonijet kontrastanti bejn Sammut u Xerri. Jidher illi fir-rigward tad-dawl ma kienx hemm ilmenti u ghalhekk minkejja l-fatt li ma kellux licenzja ghandu jithallas u jigi accettat dak li ntalab anke peress illi ma kienx hemm ftehim mill-bidu. Illi ma jidhirx illi gie kontestat il-fatt illi wahhal il-*coving* fis-saqaf. Pero' gie kkontestat li xtrah hu illi ma ngabitx prova f'forma ta' *invoice* jew ircevuta da parti tal-attur ghalhekk it-Tribunal mhux ser taccettah.

Fic-cirkostanzi, jidher illi t-talba attrici hija fuq bilanc ta' probabilitajiet sufficjentament ippruvati. Illi ghalhekk *arbitrio boni viri* t-Tribunal ihoss illi l-ammont ta' elfejn mitejn u tmintax-il ewro u disghin centezmu (€2,218.90) ghandu jithallas.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' elfejn mitejn u tmintax-il ewro u disghin centezmu (€2,218.90) u jichad l-eccezjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kollha bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------